# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

317/23

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Mercieca u
Spettur Kurt Farrugia)
Vs
Josef Buttigieg

Illum 24 ta' April, 2023

Il-Qorti

Rat li Josef Buttigieg 43 sena iben Alfred u Giorgina nee' Cassar imwieled Pieta' nhar it-23 ta' Frar, 1980 bla indirizz detentur ta' karta ta' l-identita' Maltija nru 133680(M) akkuzat talli nhar is-17 t'April, 2023, ghall-habta ta' 12.30p.m., mill-fond nru. 169, Triq il-Knisja, Xghajra, flimkien ma persuna ohra:

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti w arlogg, tal-marka '*Rolex*', liema serqa hija aggravata bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Ewro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), u bil-lok, ghad-dannu ta'

Pierre Sladden w/jew ta' xi persuna/i ohra w/jew ta' xi entita' jew entitajiet ohra;

2. irrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi definittivi moghtija mill-Qrati ta' Malta.

Rat Artikoli: 49; 50; 261(b)(c)(e); ;263(a); 266(1)(2); 267; 269(g); 278(3); 279(b); 280(2); 281(a);289 tal-Kap. 9.

Rat illi fl-udjenza tal-24 ta' April, 2023 inqraw l-akkuzi mill-Ispettur Joseph Mercieca.

Rat li sar l-ezami tal-Imputat li wiegeb li hu hati tal-imputazzjonijiet.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu ghall-imputazzjonijiet kontestati lilu, inkluz li minhabbba n-natura tar-reat il-Qorti setghet tghaddi biex issibu hati u tikkundannah ghal-piena li tista tkun anke wahda karcerarja jew pieni ohra statutorji. Il-Qorti wara li taghtu zmien bizzejjed sabiex anke jikkonsulta mal-Avukat Difensur u jiddeciedi jekk hux sejjer jerga lura mill-ammissjoni registrata minnu semghet lill-imputat itenni li huwa hati tal-imputazzjoniejt migjuba kontrih.

Rat l-atti kollha u d-dokumentazzjoni kollha.

Semghet t-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi l-akkuzat irregistra ammissjoni fi stadju bikri hafna ta' dan il-kas izda ma tistghax ma tiehux in konjizzjoni dak li jirrizulta mill-conviction sheet tieghu.

**Decide**

Ghaldaqstant wara li rat l-artikoli 49; 50; 261(b)(c)(e); ;263(a); 266(1)(2); 267; 269(g); 278(3); 279(b); 280(2); 281(a);289 tal-Kap. 9 issib lil Josef Buttigieg hati tal-akkuzi kollha w tikkundannah ghal piena ta' sentejn (2) prigunerija effettiva.

**Magistrat Dr Yana Micallef Stafrace LL.D.**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**